MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Talba Numru. 346/2003

***Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited***

***vs***

***DIKK Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Frar, 2003, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tnejn u sittin lira Maltin (Lm1062) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji tad-9 ta' April 2002 u tat-13 ta' Jannar 2003 u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta.
Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Hubert Dalli ghas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf u tnejn u sittin lira Maltin (Lm1062), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------